**16 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.,**

**Giuseppe Galea et.**

*versus*

**Publio Fenech**

**Retratt — Spejjeż Leġittimi — Utili — Neċessarji.**

***Ma tistax tingħad "leġittima" jew "utili" jew "neċessarja" spiża suppost inkorsa mir-retrattarju li "ex-hypothesi", tkun tħallset minnu mingħajr kawża u ma kienet bl-ebda mod legalment dovuta.***

***Meta hemm tariffa ta' drittijiet stabbilita mil-liġi, retrattarju li "ex-hypothesi" jkun ħallas iktar minn dik it-tariffa għandu l-obbligu li jiġġustifika ta' xhiex kien dovut dak il-ħlas iktar, qabel jippretendi r-rifusjoni minn għand ir-retraent. Talvolta hu kien liberu li jħallas kemm irid u kemm jogħġbu; iżda minn għand ir-retraent hu jista jitlob biss li spejjeż li li kienu "leġittimi".***

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li biha l-atturi, talbu li, — wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun — il-konvenut jiġi kkundannat jirrestitwixxi lilhom is-somma ta' tlett mija u ħames liri, ħames xelin u sold (£305.5.1) jew kwalunkwe somma verjuri, anke maġġuri, li l-konvenut tħallas tagħha ndebita-

ment, peress li s-somma li kienet dovuta lill-konvenut għall-*benefikati li hu suppost għamel fuq is-site fabbrikabbili li* jinsab ir-Rabat formanti parti mit-territorju tal-Forok, tal-kejl ta' ħamsa u ħamsin qasba kwadra pont deċimali sitta, irkuprat mill-instanti biċ-ċedola tas-7 ta' April, 1960, ma kienet tilħaq is-somma ta' elf mija u ħmistax il-lira, seba xelini u ħames soldi (£1,115.7s.5d.), mill-konvenut pretisa u depositata mill-istanti b'ċedola tat-23 ta' Ġunju, 1960, imma kienet tilħaq biss is-somma ta' tmien mija u għaxar liri, *żewġ xelini* u erba *soldi (£810.2s.4d.)* jew somma iżgħar, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-imgħax legali fuq is-somma mitluba mill-ġurnata tad-depositu. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Lulju, 1960.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li t-talba ta' l-atturi hija nfondata peress illi s-somma ta' elf, mija u ħmistax il-lira, seba xelini u ħames soldi (£1,115.7s.5d.) depositat mill-atturi fl-okkażjoni ta' l-irkupru tas-sit *indikat fiċ-ċitazzjoni kienet kollha dovuta lilu* bħala retrattarju bħala spejjeż leġittimi minnu nkorsi.

Rat id-digriet tat-28 ta' Novembru, 1960 li bih ġie nominat Perit Legali, li kellu jinqeda bl-assistenza tal-Perit Tekniku hemm nominat, biex jirrelata jekk il-pretensjoni ta' l-atturi għandhiex fondament u f'kas affermattiv jindika l-ammont li għandu jagħtihom il-konvenut u jagħmel l-osservazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali presentata fit-12 ta' Ottubru, 1961 kif ukoll dik tal-Perit Tekniku presentata fit-30 ta' Awissu, 1961, li ġew it-tnejn maħlufa fil-11 ta' Diċembru, 1961, u rat il-verbali tas-seduta miżmuma mill-Perit Legali u d-dokumenti lilu presentati.

Rat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Diċembru, 1962 li biha t-talbiet ta' l-atturi ġew miċħuda bl-ispejjeż kon-

tra tagħhom wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

Omissis. . . . . . .

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li s-sentenza appellata tiġi revokata billi jiġi deċiż għall-kundanna tal-konvenut li jħallas lilhom is-somma ta' mitejn u tmien liri (£208) bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi l-provi ġodda miġbura f'din l-istanza fosthom ir-relazzjoni supplementari talperiti ġudizzjarji.

Semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet ta' l-appellanti 'in toto' għaliex ammettiet bħala li kienu leġittimament dovuti lill-appellant fl-interezza tagħhom il-partiti kollha elenkati fil-prospett tiegħu.

Issa l-appell jirigwarda tnejn biss minn dawk il-partiti. ċioe dik Nru. 8 (Kont tal-bennej Carmelo Sapiano . . . . £784.0s.0d.) u dik numru 3 (Kont tal-Perit W. Micallef . . . . £60.0.0). Rigward il-partiti l-oħra kollha li ma ġewx kwerelati fil-petizzjoni ta' l-appell, is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet f'ġudikat u dawk il-partiti, għalhekk, m'humiex aktar in diskussjoni.

Il-pretensjoni ta' l-appellanti hi illi l-imsemmija partita ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784) għandha tiġi

ridotta għal ħames mija u sitta u tmenin lira, tmientax il-xelin u żewġ soldi (£586. 18s. 2d.) u dik ta' sittin lira (£60) għandha tiġi ridotta għal disgħa u erbgħin lira (£49).

Jixraq illi dawn iż-żewġ partiti jiġu kunsidrati separatament.

**Partita Nru. 8 . . . . £780**

It-teżi ta' l-appellanti hija illi, skond il-pretensjoni ta' l-istess appellat, Sapiano kellu jitħallas tax-xogħol li ħadem bil-prezz 'tal-Gvern' (Building Prices Board rates) b'żieda ta' 7%. Jekk l-appellat ħallas lil Sapiano aktar minn dak l-ammont dovut, b'kapriċċ jew anki bi żball, hu ma jistax jitlob minn għandhom ir-rifusjoni ta' l-eċċess bħala spiża leġittima rifondibbli mir-retraent lir-retrattarju.

Bħala propożizzjoni ta' massima, ċioe apparti għal mument mill-fondatezza jew le ta' l-asserzjoni ta' l-appellanti għal dak li hu fatt, il-Qorti jidhrilha illi d-deduzzjoni ta' l-appellanti hi eminentement ġusta u raġonevoli. Ma tistax tingħad "leġittima" jew "utili" jew "neċessarja" spiża supposta inkorsa mir-retrattarju li "ex hypothesi" tkun tħallset minnu mingħajr kawża u ma kienetx bl-ebda mod legalment dovuta. Mhix risposta adegwata għal din id-deduzzjoni ta' l-appellanti l-asserzjoni ripetuta ta' l-appellat (anki kieku kienet vera u eżatta: dak li, kif ser jingħad, lanqas hi) illi l-imsemmija somma ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784) ġiet realment imħallsa lil Sapiano, għax il-kwistjoni tibqa' jekk ġietx imħallsa leġittimament.

Din il-Qorti taħseb bir-rispett illi l-ewwel Onorabbli Qorti iffraintendiet xi ftit l-obbjezzjoni ta' l-appellanti. Konsistentement mat-teżi tagħhom l-appellanti kienu ssottomet-

tew, dwar il-partita in kwisjoni, sa l-aħħar nota tagħhom illi "ma jiswa xejn li l-konvenut ħallas ta' sebgħa mija u disgħa u tmenin lira lira u tmientax il-xelin (£789.18.0) (recte £784) jekk din is-somma ma kienetx tistħoqq lil min irċeviha." Huma ma jidhrux li kienu qegħdin isostnu (u żgur li qatt ma sostnew f'din l-istanza) illi l-appellat ma kellux id-dritt li jiftiehem ma Sapiano, jekk ftiehem, li jħallsu kif qal li kien ftiehem, jew illi jagħmel ix-xogħolijiet li qal li qabbad lil Sapiano biex jagħmel. Is-sottomissjoni tagħhom kienet u hija illi jekk, anki meħud bħala bażi l-allegat ftehim bejn l-appellat u Sapiano, is-somma allegata mħallsa kienet teċċedi l-ammont dovut għab-bażi ta' dak il-ftehim, l-eċċess ma hux skond il-liġi rimborsabbli minnhom lill-appellat. Id-dubju jekk l-appellat messux ftiehem ma Sapiano li jħallsu ż-żjieda ta' 7% oltre il-prezz tal-Gvern anqas jidher li qajmuh l-appellanti, imma jidher li qajmu 'motu proprio' il-Perit Ġudizzjarju Vassallo.

L-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi "il-vera kwistjoni bejn il-kontendenti hija kostitwita minn punt li hu aktar ta' natura legali milli teknika . . . billi tqum il-kwistjoni jekk l-atturi, bħala retraenti, għandhomx iħallsu għal dan ix-xogħol l-ammont realment imħallas mill-konvenut għalih, bħala retrattarju jew kemm ġie stmat li jiswa."

Inveċe din il-Qorti tħoss illi l-vera kwistjoni, dwar il-partita in diskussjoni, hi sempliċement kwistjoni ta' fatt u speċjalment ta' qisien u kalkoli. Għalhekk ma jidhriliex li hemm għalfejn tiddiskuti l-prinċipji legali enunċjati fis-sentenza appellata li, bis-saħħa tagħhom, ġiet miċħuda għal kollox it-talba ta' l-appellanti. Tixtieq biss tirrileva illi għall-pretensjoni ta' l-appellanti, jekk tassew fondata bħala fatt, m'hemm xejn la fil-liġi u lanqas fil-prinċipji li jirregolaw din il-materja li hu ta' ostakolu.

Għal dawk li huma provi, il-Qorti jidhrilha li għandha tgħid mill-ewwel illi dawk prodotti mill-appellat, kif issa rriżulta, huma singolarment inċerti dwar ħafna mill-elementi w illi l-konsiderazzjoni ta' l-appell ġiet komplikata għaliex l-appellat ma kienx skjet u sinċier mill-bidu.

L-irċevuta li fuqha unikament (apparti mill-ġurament tiegħu) kienet mibnija l-pretensjoni ta' l-appellat, tgħid, u ersuppost turi, illi Carmelo Sapiano irċieva sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784) ta' xogħol li hu agħmel u li kien jikkonsisti f'bini, xogħol ta' konkos fis-saqaf u fil-paviment, blajtiet tal-konkos, taħmil ta' materjal u travi tal-ħadid. L-appellat meta xehed quddiem il-Periti Ġudizzjarji l-ewwel darba kien qal li "hu kien ħallas lil Carmelo Sapiano, li kien il-kuntrattur, is-somma ta' seba mija u erbgħa u tmenin lira (£784)" (fol. 19). Sapiano kien xehed (fol. 22) illi l-irċevuta kienet tikkopri l-prezz tax-xogħol kollu w hu għamilha meta l-appellat ħallsu dak l-ammont. La l-wieħed u lanqas l-ieħor ma semmew illi xi xogħol minn dak imsemmi fl-irċevuta kien għamlu ħaddieħor. Meta xehed, Paolo Azzopardi, dan semma illi kien hu li għamel ix-xogħol tas-saqaf tal-concrete. Hu żied jgħid li kien ġie mqabbad minn Carmelo Sapiano bil-kunsens ta' l-appellat u kien tħallas minn għand l-istess Sapiano.

Ripetutament fin-nota tiegħu fol. 54-56 l-appellat afferma illi "effettivament ħallas" lil Sapiano l-imsemmi ammont u li Paolo Azzopardi ġie mqabbad u tħallas "minn Sapiano".

Din baqgħet l-asserzjoni ta' l-appellat anki quddiem din il-Qorti fin-noti tiegħu fol. 101-102 u fol. 107-109, u impliċitament, anke sa meta raġa xehed quddiem il-Periti Ġudizzjarji fol. 132. F'din l-aħħar xhieda l-appellat, bil-ġurament qal speċifikament illi "l-ġarr tal-ħamrija sar mingħand Sa-

piano" u illi "il-paviment tal-konkos sar ukoll mingħand Sapiano."

Iżda fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 1963 ġie riprodott biex jixhed Paolo Azzopardi, fuq talba ta' l-atturi u dan, wara li nqratlu x-xhieda tiegħu ta' qabel, stqarr din id-darba, illi għax-xogħol li kien għamel hu **kien qabbdu l-appellat u kien ħallsu l-appellat.** Sapiano kien biss għamillu tajjeb għax-xogħol, evidentement għaliex hu ma kellux liċenza ta' bennej. Żied illi (oltre s-saqaf tal-concrete li kien għamel ukoll it-tħammil u l-ġarr tal-ħamrija, u tħallas, in parti, billi **paċa ma l-appellat** xi dejn li kellu jatih. Mingħand Sapiano ma ftakar li kien irċeva ebda ħlas.

Fl-istess seduta xehed ukoll Tommaso d'Anastasi li, ikkonferma illi s-saqaf tal-konkos kien għamlu Paolo Azzopardi u żied jgħid li kien jaf illi "l-art tal-konkos saret **minn hu l-appellat** u xi lavranti miegħu".

Konfrontat b'dawn il-provi l-appellat raġa' offra ix-xhieda tiegħu u sab ruħu kostrett li jammetti illi fix-xogħol tal-konkos tas-saqaf inħadem minn Paolo Azzopardi biex hu jpaċi kreditu li kellu kontra tiegħu; li Azzopardi ħadem ukoll ix-xogħol tat-taħmil u ġar tal-ħamrija; li l-paviment tal-konkos ħadmu ħuh u żewġ jew tliet lavranti li ħallashom hu (fol. 134). F'seduta oħra wara, l-appellat fuq talba ta' l-appellanti, ammetta ukoll illi l-blata tal-bieb ta' barra kien qabbad in-nies hu biex jaħdmuha miegħu u, s'intendi, ħallashom hu.

Minn dana kollu jidher illi mix-xogħolijiet kollha imsemmija fl-irċevuta ta' Sapiano, fil-fatt dan m'għamelx ħlief ix-xogħol tal-ġebel jew bini, appuntu kif kien xehed fil-bidu li kien jidhirlu l-Perit Micallef. Jidher ukoll illi somma ta'

sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784) li fl-irċevuta jingħad li rċeva Sapiano żgur li ma jistax ikun li tħallset kollha lilu. Infatti l-appellat stess kellu jistqarr illi meta ħallas lil Sapiano, ma ġewx imħallsa dawk l-ammonti li l-appellat "kien ħallas lil Azzopardi u lill-ħaddieħor u li kien paċa ma Azzopardi." Kemm kienu dawk l-ammonti, pero, ma jirriżulta minn imkien b'ċertezza mill-provi ta' l-appellat, kif ser jingħad.

Infatti meta din il-Qorti ordnatlu (fol. 99) biex jindika, speċifikament b'riferenza għall-provi fil-proċess, kif u fejn jidhirlu li kienu żbaljati l-kalkoli magħmula fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellat, flok ma wera il-ġustifikazzjonijiet taddiversi partiti nklużi fl-irċevuta eżibita, m'għamelx ħaġ'oħra ħlief issuġġerixxa diversi ammonti li hu stess ikkalkola 'ċirka'. U fin-nota tiegħu fol. 107, flok ma spjega kif l-ammont pretiż, hu kien wasal għalih qabel ippretendih mingħand l-appellanti, l-appellat "irrikostruwixxa" l-kont ta' Sapiano u mhux għab-bażi ta' elementi li suppost messhom kienu ġa f'idejh u għak-konjizzjoni tiegħu mill-bidu, iżda, kważi nterament, għab-bażi tal-kalkolu u stimi li għamel fil-kawża l-Perit Ġudizzjarju.

Biex b'xi mod jispiega t-tibdil fix-xhieda tiegħu l-appellat qal illi anki għax-xogħolijiet maħduma minn ħaddieħor, għamel tajjeb jew "kien responsabbli Sapiano li kien il-bennej, tant li anki fuq il-prezz ta' dawk ix-xogħolijiet kien hemm il-ftehim li Sapiano jieħu s-7%. Iżda, l-ewwelnett, din l-ispjegazzjoni b'ebda mod ma tiskuża r-retiċenza u nuqqas ta' sinċerita tiegħu u, t-tieni nett din il-Qorti anqas temmen dik l-ispjegazzjoni.

Issa, ċertament, il-fatt illi ħafna mix-xogħolijiet imsemmija fil-kont ta' Sapiano m'għamilhomx huwa, ma jfisserx

illi l-appellat m'ghandux dritt li jithallas taghhom, jekk tassew saru. Imma jfisser illi dak il-kont, riżultat inveridiku, m'huwiex fih innifsu vera ġustifikazzjoni tal-ħlas ta' dak l-ammont, kif tant insista li messu ġie aċċettat l-appellat, u l-prova ta' l-ispiża jinħtieġ li tirriżulta 'aliunde'. Ifisser ukoll illi l-pretensjoni ta' l-appellat ghandha tiġi mħarsa b'ċirkospezzjoni akbar. Ifisser fl-aħħarnett illi l-atteġġjament ta' l-appellat svija lill-appellanti u kkomplika u tawwal il-proċeduri u ta' dan, fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tistax ma tieħux konsiderazzjoni fir-regolament ta' l-ispejjeż.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tillikwida l-ammont li ġustament jidher li kien dovut lill-appellat:—

(1) Dwar l-ammont li tħallas tassew lil Sapiano ghax-xoghol tal-bini li ghamel huwa, din *il-Qorti* tametti anki ghaliex jidher li ġie aċċettat mill-appellanti, illi l-ħlas kellu jkun fuq il-"prezz tal-Gvern" biż-żieda ta' 7%. Il-Perit tekniku llikwida dak il-prezz fis-somma ta' . . . . £268. 10s. 4d.

Żieda ta' 7% fuqu . . . . . . . . . . 18. 15s. 11d.

(2) Ghax-xoghol tas-saqaf tal-konkos li ghamel Paolo Azzopardi, ġie ppuvat illi kien hemm ftehim li jitħallas is-*£6.10s.0d. il-qasba* kwadra. *L-appellat qal* fin-nota tieghu fol. 102 illi ghalkemm kien veru illi Sapiano kien qabbad lil Azzopardi bħala sub-appaltatur u kien ħallsu b'dak il-prezz pero "lill-appellat, Sapiano *żammlu* naturalment bir-rata ta' £8" (li hi r-rata tal-Gvern). Din l-allegazzjoni is-

sa rriżultat infondata, għaliex l-appellat in-nifsu xehed illi r-rata ta' £6.10s.0d. kienet dik "li hu effettivament ħallas lil Paolo Azzopardi". Ġa ntwera aktar il-fuq illi mal-ħlas lil Azzopardi, Sapiano ma ndaħal xejn.

Stmat bil-prezz effettivament imħallsa mill-appellat, il-Perit Tekniku, ikkalkola li dan is-saqaf tal-konkos kien jilħaq mija u tmienja u ħamsin lira. . . . . . . . £M158. 00s. 00d.

(3) Għall-ġar u taħmil tal-ħamrija magħmul ukoll minn Paolo Azzopardi u mħallsa mill-appellat, talvolta permezz ta' kompensazzjoni, kif qal, ma jirriżulta minn imkien b'ċertezza kemm kien l-ammont. L-unika allegazzjoni ta' ċifra hi dik magħmula "ċirka" fin-nota ta' l-appellat ċioe £40. Il-Perit Tekniku, pero, ammetta dan l-ammont u l-Qorti għalhekk, ser tammettiha wkoll. . . . . . . . . £M 40. 00s. 00d.

(4) Konkos tal-paviment. Dan ix-xogħol, kif ġa ntqal, sar minn ħu l-appellat u b'inkariku tiegħu, bl-għajnuna ta' xi lavranti u ħallsu. Hawn ukoll ma jirriżulta minn imkien b'ċertezza kemm kienet in-nefqa. Il-Perit Tekniku stama dan ix-xogħol inkluża l-għatba tal-bieb ta' barra, il-mol ta' l-irsalt u l-paviment . . . . . . . £M 67. 4s. 8d.

(5) Il-bjut tal-konkos tal-kamrin

tad-W.C. u tal-kamra ta' w[illegible]ra [illegible] saru wkoll minn Azzopardi. Il-Perit stmahom . £M [illegible] [illegible] 0d.

(6) Bjata tal-konkos, rinfurzata bil-virgi. Din saret mill-appellat stess u ħaddiema li qabbad u ħallas hu. L-appellat ma ppruvax kemm nefaq tagħha. Il-Perit Tekniku stmaha, bil-prezz tal-Gvern, £28.16s.0d. Iżda fl-aħħar relazzjoni tiegħu l-Perit ammeta awment ta' £9.12.0d. għaliex l-appellat qal illi kien uża xi ħadid iżjed. Il-Qorti ma jidhriliex li għandha tapprova dan l-awment. Għax-xogħoljiet li għamel jew inkariga li jsiru direttament l-appellat, il-kalkoli qegħdin isiru fuq il-prezzijiet tal-Gvern sempliċement għaliex dwarhom l-appellat ma ppruvax kemm kienet in-nefqa tagħhom. Pero, jekk il-prezz miftiehem ma Paolo Azzopardi rigward is-saqaf tal-konkos hu ndizzju, dan juri illi l-kriterju adottat tal-prezz tal-Gvern hu ferm favorevoli għall-appellat u hu għandu joqgħod għalih fil-kalkoli kollha, waħda għal oħra . . . . . . . . . . £M 28. 16s. 0d.

(6) Provvista u tlugħ ta' travi il-Perit Tekniku stmahom £72.10s.0d. Fl-aħħar relazzjoni l-Perit ammetta awment ta' £2.00s.0d. Iżda għar-raġuni msemmija fil-numru (5) hawn fuq il-Qorti ma tappruvax dan l-awment . . . . . . . . . . . £M 72. 10s. 0d.

(7) Ftugħ ta' bieb ta' daqsijiet normali fis-singlu, stmat mill-Perit . . . . . . . £M 8. 02s. 0d.

| | | |
|---|---|---|
| (8) | Ħruġ ta' materjal . . . . . . . . | £M 5. 00s. 0d. |
| | It-total li għandu jieħu l-appellat għax-xogħolijiet kollha fuq imsemmija jiġi, għalhekk sitt mija u tnejn u sebgħin lira , tlett xelini u ħdax il-sold. | £M672. 03s. 11d. |

L-appellat jippretendi illi anki fuq ix-xogħolijiet msemmija taħt in-numri (2) sa (8) hawn fuq li, kif intqal, irriżulta li ma għamilhomx Sapiano u anqas kellu xejn x'jaqsam magħhom, hu ftiehem li jħallas lill-istess Sapiano u li fil-fatt ħallsu is-7% żieda fuq il-prezz tal-Gvern. Il-Qorti mingħajr ebda eżitazzjoni tiskarta din il-pretensjoni. Biex jiġġustifika din il-pretensjoni, li fiha nfisha tidher inverosimili, l-appellat allega, u Sapiano kkonferma, illi dan kien il-ftehim għaliex Sapiano kien ukoll "responsabbli" għal dawk ix-xogħolijiet. Din l-ispjegazzjoni mogħtija serotinament, proprju fl-aħħar, meta l-appellat, u Sapiano wkoll, sabu ruħhom kostretti li jiġustifikaw b'xi mod ix-xhieda tagħhom diversa ta' qabel, ma hiex attendibbli. Kieku din kienet il-verita mhux spjegabbli għaliex il-Perit Micallef għamel biss l-istima tal-prezzijiet tal-ġebel biss, tax-xogħol "ta' Sapiano" għax hekk "qabbdu l-konvenut." Sapiano kien l-ewwel xehed illi l-ftehim tal-prezz tal-Gvern kien jirrigwarda l-bini tal-garage biss. Dwar l-ambjenti l-oħra, hu qal, "li kienu ftehmu prezzijiet hu l-konvenut", ċioe qal "hu kien għamel stima lill-konvenut separata qabel beda dawk ix-xogħolijiet." Din l-istima ma ġietx prodotta. L-aħħar xhieda tant ta' l-appellat kemm ta' Sapiano hi mimlija b'inkonsistenzi. Il-proċess spiċċa bi "ġlieda" bejn dawn it-tnejn, għax fil-waqt li l-appellat kien qed jgħid illi dawn is-7% mhux biss kienu nklużi fil-kont ta' Sapiano iżda kienu attwalment tħallsu lilu, Sapiano, niente di meno, xehed illi dan ir-rigal hu għadu

ma rċeva xejn minnu "la fuq ix-xogħol tal-bini [illegible] lanqas fuq ix-xogħol tal-konkos!"

Tibqa biss il-kwistjoni tal-onorarji mħallas lill-Perit Micallef. Mill-irċevuti Dok. A u B jidhru li saru **żewġ ħlasijiet**, ***wieħed ta' tmien liri (£8)*** *u l-ieħor ta' tnejn* u **ħamsin lira (£52). L-ewwel ħlas il-Perit xehed li kien dovut lilu talli lesta l-pjanta ta' l-art tal-fond u l-kejl ta' l-art biex isir il-kuntratt tat-trasferiment. Dan l-iżbors hu rifondibbli lill-appellat. It-tieni ħlas ta' tnejn u ħamsin lira (£52) il-Perit qal li kienu d-drittijiet tiegħu in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-workshop in kwistjoni. Dawn id-drittijiet suppost li kienu 6% skond it-tariffa li hu kkalkola 'roughly' kemm setgħat kienet l-ispiża għax ma kejjelx kollox u ċertu xogħol ħadmu l-appellat. Il-kalkolu għamlu fuq minn tmien mitt lira (£800) sa l-elf lira (£1000).**

L-appellanti jsostnu illi d-drittijiet tal-Perit ma messhomx kienu iktar min disgħa u erbgħin lira (£49) għal kollox.

Dwar din il-partita l-ewwel Onorabbli Qorti qalet illi **"m'hemm xejn fil-liġi li wieħed ma jistax iħallas iżjed mir-rata normali, basta dan isir mingħajr xi skop ulterjuri" (fis-sens, per eżempju, li jiskoraġġixxi r-retraent). Din il-Qorti taħseb illi f'kontest ta' kawża bħal preżenti, propożizzjoni simili tista' tkun fraintiża, b'risku li jinġibdu konsegwenzi inaċċettabbli. Il-kwistjoni mhiex jekk hemmx xi ħaġa fil-liġi li timpedixxi li wieħed iħallas iktar mir-rata normali, iżda hi jekk wieħed li jkun ħallas iktar minn dik ir-rata u jsofri rkupru jistax jesiġi minn għand ir-retraent dak li jkun ħallas iżjed. Il-Qorti jidhrilha illi meta hemm tariffa ta' drittijiet stabbiliti mil-liġi, retrattarju li "ex hypothesi" ikun ħallas iktar minn dik it-tariffa għandu l-obbligu li jiġġustifika**

għax kien dovut dak il-ħlas iktar, qabel jippretendi r-rifużjoni mingħand ir-retraent. Talvolta hu kien liberu li jħallas kemm irid u kemm jogħġbu: iżda mingħand ir-retraenti hu jista' jitlob biss l-ispejjeż li kienu "leġittimi". Fil-każ preżenti ma ġiet bl-ebda mod suġġerita ebda raġuni li għaliha kellu jkun hemm xi ħlas speċjali.

Dan qiegħed jingħad "per modum regulae" minħabba l-kliem fuq imsemmi li ntqal fis-sentenza appellata. Fil-każ preżenti, kif imbagħad kompla jingħad sewwa f'dik is-sentenza, il-valur tax-xogħol kollu (anki wara li jsiru l-kalkoli ġodda magħmula f'din is-sentenza) jiswa l-fuq żgur minn tmien mija u ħamsin lira (£850) u għalhekk l-onorarju ta' tnejn u ħamsin lira (52) imħallas lill-Perit Micallef kien fil-limiti tat-tariffa.

L-appellat, għalhekk, għandu jirrestitwixxi lill-appellanti mija u ħdax il-lira, ħmistax il-xelin u tmien soldi (£111.15s.8d.) ċioe id-differenza bejn sebgħa mija u erbgħa u tmenin lira (£784) mħallsa lilu mill-appellanti għal "kont ta' Sapiano" u £672.3s.11d. likwidata hawn fuq bħala dik biss leġittimament dovuta lilu.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa t-talba ta' l-appellanti limitatament pero għas-somma ta' mija u ħdax il-lira, ħmistax il-xelin u tmien soldi (£111.15s.8d.) u tikkundanna lill-appellat jirrestitwixxi lill-appellanti dik is-somma bl-imgħax mid-data tad-depositu.

L-ispejjeż ta' prim'istanza jitħallsu $\frac{2}{3}$ mill-appellanti u $\frac{1}{3}$ mill-appellat. Dawk ta' l-appell $\frac{1}{3}$ mill-appellanti u $\frac{2}{3}$ mill-appellat.